

MT

MT

MT



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 8.11.2010
KUMM(2010) 635 finali

2010/0309 (COD)
2010/0309 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jstabilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u
kaprini**

(Kodifikazzjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa tal-poplu, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lis-simplifikazzjoni u liċ-ċarezza tal-liġi tal-Unjoni sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini u b'hekk toffrilhom opportunitajiet ġodda u ċ-ċans li jagħmlu użu mid-drittijiet speċifiċi li tagħtihom.

Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi, spiss b'mod sostanzjali, jibqgħu mferrxin bejn l-atti oriġinali u atti sussegwenti li jemendaw l-atti oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' xogħol ta' riċerka konsiderevoli li jqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati rregoli attwalment fis-seħħ.

Għalhekk huwa essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' rregoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tkun ċara u trasparenti.

2. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfasizzat li din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftiehm malajr.
3. Il-Konklużjonijiet tal-Prezidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan², filwaqt li saħqu fuq l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza f'dak li jirrigwarda l-liġi applikabbli għal materja partikolari f'mument partikolari.

Il-kodifikazzjoni għandha ssir f'konformità sħiħa mal-proċedura għall-adozzjoni ta' atti tal-Unjoni.

Billi l-ebda bidla sostanzjali ma tista' ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu, permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994, li tista' tintuża proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni rapida ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta huwa li ssir il-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jstabilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 91/102/KEE u 64/432/KEE³. Ir-Regolament il-ġdid jissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fih⁴; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu tal-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kulma tagħmel huwa li tgħaqqadhom filwaqt li tagħmel biss l-emendi formali meħtieġa mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.

¹ COM(87) 868 PV.

² Ara l-Anness 3 għal Parti A tal-Konklużjonijiet.

³ Magħmula skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni tal-*Acquis Communautaire*, COM(2001) 645 finali.

⁴ Ara l-Anness II għal din il-proposta.

5. Il-proposta ta' kodifikazzjoni tħejjiet abbażi ta' konsolidazzjoni preliminari, fil-lingwi uffiċjali kollha, tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 u tal-atti li jemendawh, magħmula mill-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' dejta. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri qodma u ġodda tidher f'tabella li tinsab fl-Anness III tar-Regolament ikkodifikat.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini

**(Kodifikazzjoni)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:



- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 91/102/KEE u 64/432/KEE⁶ ġie emendat kemm-il darba⁷ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

- (2) Skont l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-għan tat-tlestija tas-suq intern⁸, l-annimali għall-kummerċ fi hndan l-Unjoni għandhom ikunu identifikati b'konformità mal-ħtiġiet tar-regoli tal-Unjoni u għandhom ikunu rreġistrati

⁵ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁶ ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.

⁷ Ara l-Anness II.

⁸ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

b'tali mod lil-, iċ-ċentru jew l-organizzazzjoni oriġinali jew ta' tranżitu jistgħu jkunu ntraċċati. Dawk is-sistemi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni kellhom jiġu estenzi għaċ-ċaqliq tal-annimali fi ħdan it-territorju ta' kull Stat Membru sal-1 ta' Jannar 1993.

↓ 21/2004 Premessa 2

- (3) [L-Artikolu 14] tad-Direttiva tal-Kunsill [91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE⁹] jipprovdi li l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni previsti fl-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 90/425/KEE għandhom, apparti milli fil-każijiet tal-annimali għall-qatla u l-ekwidi rreġistrati, ikunu mwettqa wara li jkunu saru l-kontrolli veterinarji.

↓ 21/2004 Premessa 4 (adattat)

- (4) Isegwi mill-istruttura tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni , u b'mod partikolari mir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97¹⁰, li l-kunċetti ta' detentur u ġeneralment użati ma jirreferux għall-prattiċi jew il-kliniċi veterinarji. L-iskop ta' dawk il-kunċetti għandu jkun definit b'mod aktar espliċitu hekk li jwassal ħalli l-leġiżlazzjoni tkun tinftehem aħjar.

↓ 21/2004 Premessa 8 (adattat)

- (5) It-teknoloġija għall-identifikazzjoni elettronika tal-annimali ovini u kaprini ġiet żviluppata sal-istadju fejn tista' tkun applikata. Il-miżuri ta' implimentazzjoni previsti għall- funzjonament xieraq tas-sistema ta' identifikazzjoni elettronika madwar l-Unjoni kollha għandhom jippermettu l-identifikazzjoni individwali tal-annimali u l- tat-twelid tagħhom.

↓ 933/2008 Premessa 7 (adattat)

- (6) Dan ir-Regolament jistipula li, mill-31 ta' Diċembru 2009, l-identifikazzjoni elettronika hija obligatorja għall-annimali kollha mwielda wara dik id-data. Madankollu, matul l-ewwel sena wara l-31 ta' Diċembru 2009, il-maġġoranza tal-annimali għandhom jiġu identifikati biss b'identifikaturi konvenzjonali mhux elettroniċi, billi dawk l-annimali twieldu qabel dik id-data. Matul dik is-sena, l-annimali b'identifikaturi elettroniċi u mhux elettroniċi għandhom jiġu spostati u ttrattati flimkien.

⁹ [ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.]

¹⁰ ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.

↓ 1560/2007 Premessa 5 (adattat)

- (7) Għadd ta' Stati Membri kienu żviluppaw it-teknoloġija meħtieġa għall-introduzzjoni ta' identifikazzjoni elettronika u akkwistaw esperjenza sinifikanti bl-implimentazzjoni tagħha qabel il-31 ta' Diċembru 2009. Dik l- esperjenza pprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn b'informazzjoni ta' valur dwar l-implikazzjonijiet tekniċi tal-identifikazzjoni elettronika u dwar l-impatt tagħha.
-

↓ 21/2004 Premessa 10

- (8) Il-Kummissjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-proċedimenti mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tagħha, għandha wkoll tippovdi linji ta' gwida tekniċi dettaljati, definizzjonijiet u proċeduri għall-karatteristiċi tekniċi tal-identifikaturi u l-qarrejja, il-proċeduri tat-testijiet, il-kriterji ta' aċċettazzjoni u l-mudell taċ-ċertifikazzjoni għal-laboratorji approvati tat-testijiet, l-akkwist ta' identifikaturi u qarrejja xierqa, l-applikazzjoni tal-identifikaturi, il-qari u l-irkupru tagħhom, il-kodifikazzjoni tal-identifikaturi, glossarju komuni, dizżjunarju tad-dejta u standards tal-komunikazzjoni.
-

↓ 21/2004 Premessa 11

- (9) Fl-Istati Membri b'popolazzjoni ta' animali ovini u kaprini relattivament żgħira, l-introduzzjoni ta' sistema ta' identifikazzjoni elettronika tista' ben tajjeb ma tkunx ġustifikata. Huwa għalhekk rakkommandabbli li tali Stati Membri jitħallew jagħmlu s-sistema volontarja. Għandha tiġi prevista wkoll proċedura mħaffa sabiex jiġu aġġustati l-limiti demografiċi li taħthom l-identifikazzjoni elettronika tista' tkun volontarja.
-

↓ 21/2004 Premessa 12

- (10) Sabiex ikun jista' jiġi ntraċċat iċ-ċaqliq tal-animali ovini u kaprini, l-animali għandhom ikunu identifikati sewwa u kull ċaqliq tagħhom għandu jkun intraċċabbli.
-

↓ 21/2004 Premessa 13 (adattat)

- (11) Huwa meħtieġ għad-detenturi tal-animali li jżommu informazzjoni aġġornata fuq l-animali fl- tagħhom. L-informazzjoni minima meħtieġa għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi tal- Unjoni .
-

↓ 21/2004 Premessa 14 (adattat)

- (12) Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi regjistru ċentrali li jinkludi lista aġġornata tad-detenturi kollha tal-animali koperti b'dan ir-Regolament li huma involuti f'din l-attività fit-territorju tiegħu, u li jkun fih l-informazzjoni minima kif stabbilita fuq il-bażi tal- Unjoni .

↓ 21/2004 Premessa 15

- (13) Għall-iskopijiet tal-intraċċar imħaffef u eżatt tal-annimali, kull Stat Membru għandu johlq database kompjuterizzata li għandha tirreġistra l- kollha fit-territorju tiegħu u ċ-ċaqliq tal-annimali.
-

↓ 21/2004 Premessa 16 (adattat)

- (14) In-natura tal-mezzi ta' identifikazzjoni għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi tal- Unjoni .
-

↓ 21/2004 Premessa 17

- (15) Il-persuni involuti fil-kummerċ tal-annimali għandhom iżommu dettalji dwar it-tranżazzjonijiet tagħhom, u l-awtorità kompetenti għandha jkollha aċċess għal dawk id-dettalji meta hija titlob għal dawn.
-

↓ 21/2004 Premessa 18 (adattat)

- (16) Sabiex ikun assigurat li dan ir-Regolament ikun applikat sewwa, huwa meħtieġ li jiġi previst skambju mħaffef u effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-mezzi ta' identifikazzjoni u dokumenti relatati. Id-dispożizzjonijiet tal- Unjoni li jirrigwardawhom kienu ġew adottati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli¹¹ u bid-Direttiva tal-Kunsill 89/608/KEE tal-21 ta' Novembru 1989 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji u żootekniċi¹².
-

↓ 21/2004 Premessa 19

- (17) Bil-għan li tkun iggarantita l-affidabbiltà tal-arranġamenti previsti f'dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw miżuri ta' kontroll adatti u adegwati, mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea¹³.
-

↓ 21/2004 Premessa 21

- (18) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi

¹¹ ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1.

¹² ĠU L 351, 2.12.1989, p. 34.

¹³ ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

↓ 21/2004

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

↓ 21/2004 (adattat)

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli tal- Unjoni li jistgħu jkunu stabbiliti għall-eradikazzjoni tal-mard jew għall-iskopijiet ta' kontroll, u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva [91/496/KEE] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ¹⁵ .

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin .

- (a) "animal" tfisser kwalunkwe animal tal-ispeċi ovini jew kaprini;
- (b) "tfisser kwalunkwe stabbiliment, kwalunkwe struttura, jew fil-każ ta' rżiezet fil-miftuħ (free-range), kwalunkwe ambjent, li fih l-annimali huma miżmuma, imkabbra jew imrobbija fuq bażi permanenti jew temporanja, bl-eċċezzjoni tal-prattiċi jew kliniċi veterinarji;
- (ċ) "detentur" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali bir-responsabbiltà għall-annimali, anki temporanjament, bl-eċċezzjoni tal-prattiċi jew kliniċi veterinarji;
- (d) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru li tkun responsabbli għal, jew afdata bi, it-twettiq tal-verifiki veterinarji u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew, fil-każ tal-monitoraġġ għall-premiums, l-awtorità afdata bl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

¹⁴ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

¹⁵ ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

Artikolu 3

1. Is-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-annimali għandha tinkludi dawn l-elementi li ġejjin:

- (a) il-mezzi ta' identifikazzjoni sabiex jiġi identifikat kull animal;
- (b) iż-żamma ta' reġistri aġġornati f'kull;
- (ċ) id-dokumenti taċ-ċaqliq;
- (d) reġistru ċentrali jew database kompjuterizzata.

2. Il-Kummissjoni u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha koperta b'dan ir-Regolament. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw aċċess għal dik l-informazzjoni għall-partijiet kollha li jkollhom interess, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi li huma rikonoxxuti mill-Istat Membru, basta li l-ħtiġiet tal-protezzjoni tad-dejta u l-kunfidenzjalità kif preskritti bil-liġi nazzjonali jkunu rispettati.

Artikolu 4

↓ 21/2004 (adattat)
→₁ 1791/2006 Art. 1(1) u Anness
(5)(B)(I)(7)(a)

L-annimali kollha f' li twieldu wara d-9 ta' Lulju 2005 →₁ jew għall-Bulgarija u r-Rumanija ☒ wara ☒ l-1 ta' Jannar 2007 ← għandhom ikunu identifikati skont il-paragrafu 2 fi żmien perijodu li għandu jiġi determinat mill-Istat Membru sa mit-twelid tal-annimal u fi kwalunkwe każ qabel ma l-annimal iħalli li fih kun twieled. Dak il-perijodu m'għandux ikun itwal minn sitt xhur.

↓ 21/2004 (adattat)

B'deroga ☒ mill-ewwel subparagrafu ☒, l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perijodu, li ma jistax, b'danakollu, jeċċedi disa' xhur, għall-annimali miżmuma f'kondizzjonijiet estensivi jew fi rziezet tat-tip free-range. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bid-deroga mogħtija. Jekk meħtieġ, regoli ta' implimentazzjoni jistgħu jkunu stabbiliti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).

2. L-annimali għandhom ikunu identifikati:

- (a) bl-ewwel mezz ta' identifikazzjoni li jkun konformi mal-ħtiġiet tat-Taqsimiet A.1, A.2 u A.3 tal-Anness I; u

- (b) bit-tieni mezz ta' identifikazzjoni li jkun approvat mill-awtorità kompetenti u li jkun konformi mal-karatteristiċi tekniċi elenkati fit-Taqsimiet ☒ A.1, A.2 u ☒ A.4 tal-Anness I.

↓ 21/2004 (adattat)
→₁ 1791/2006 Art. 1(1) u
Anness (5)(B)(I)(7)(a)

B'danakollu, sad-data msemmija fl-Artikolu 9(3), it-tieni mezz ta' identifikazzjoni ☒ msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ☒ jista' jkun mibdul bis-sistema stabbilita fit-Taqsima A.5 tal-Anness I, bl-eċċezzjoni tal-każ ta' annimali involuti fil-kummerċ ☒ fi ħdan l-Unjoni ☒.

L-Istati Membri li jintroduċu s-sistema msemmija fit-tieni subparagrafu għandhom jitolbu lill-Kummissjoni tapprovaha skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2). Għal dan l-iskop il-Kummissjoni għandha teżamina d-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri u għandha twettaq l-awditjar meħtieġ sabiex tevalwa s-sistema. Meta dak l-awditjar ikun twettaq, il-Kummissjoni għandha, fi żmien 90 jum minn meta tirċievi l-applikazzjoni għall-approvazzjoni, tippreżenta lill-Kumitat ☒ imsemmi fl-Artikolu 13(1) ☒ rapport flimkien ma' abbozz tal-miżuri xierqa.

3. ☒ B'deroga mill-paragrafu 2, ☒ għall-annimali intiżi għall-qatla qabel l-età ta' 12 il-xahar u intiżi la għall-kummerċ ☒ fi ħdan l-Unjoni ☒ u lanqas għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, il-metodu ta' identifikazzjoni deskritt fit-Taqsima A.7 tal-Anness I jista' jkun awtorizzat mill-awtorità kompetenti bħala mezz alternattiv għall-mezz ta' identifikazzjoni msemmi fil-paragrafu 2.

4. Kwalunkwe animal importat minn pajjiż terz, li jkun għadda wara d-9 ta' Lulju 2005 →₁ jew għall-Bulgarija u r-Rumanija ☒ wara ☒ l-1 ta' Jannar 2007 ← mill-verifiki stabbiliti bid-Direttiva [91/496/KEE] u li jibqa' fit-territorju tal- ☒ Unjoni ☒ għandu jkun identifikat, skont il-paragrafu 2, fil-qasam ta' destinazzjoni fejn il-qobla huma mrobbija fi żmien perijodu, li għandu jkun iddeterminat mill-Istat Membru, ta' mhux aktar minn 14-iljum minn meta jkun għadda minn dawk il-verifiki u, fi kwalunkwe każ, qabel ma jħalli l-qasam.

↓ 21/2004

L-identifikazzjoni oriġinali stabbilita mill-pajjiż terz għandha tkun irreġistrata fir-reġistru tal-qasam previst fl-Artikolu 5 flimkien mal-kodiċi ta' identifikazzjoni allokat lil mill-Istat Membru ta' destinazzjoni.

B'danakollu, l-identifikazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun meħtieġa għal animal intiż għall-qatla jekk l-annimal ikun ittrasportat direttament mill-post tal-ispezzjoni veterinarja fuq il-fruntiera lejn biċċerija li tkun tinsab fl-Istat Membru fejn il-verifiki msemmija fl-ewwel subparagrafu huma mwettqa u jekk l-annimal jinqatel fi żmien ħamest ijiem utili minn meta jkun għadda minn dawk il-verifiki.

5. Kwalunkwe animal li joriġina minn Stat Membru ieħor għandu jżomm l-identifikazzjoni oriġinali tiegħu.

6. L-ebda mezz ta' identifikazzjoni ma jista' jitneħħa jew jinbidel mingħajr il-permess tal-awtorità kompetenti. Meta mezz ta' identifikazzjoni jsir illeġibbli jew jintilef, mezz

ta' identifikazzjoni sostituttiv li juri l-istess kodiċi għandu jkun applikat malajr kemm jista' jkun skont dan l-Artikolu. B'żieda mal-kodiċi, u distint minnu, il-mezz ta' identifikazzjoni sostituttiv jista' jkollu marka bin-numru tal-verżjoni tiegħu.

B'danakollu, l-awtorità kompetenti tista', taħt il-kontroll tagħha, tippermetti li l-mezz ta' identifikazzjoni sostituttiv ikollu kodiċi differenti, basta li l-obbjettiv ta' traċċabbiltà ma jkunx kompromess, b'mod partikolari fil-każ tal-annimali identifikati skont il-paragrafu 3.

7. Il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom ikunu allokatu lill-qasam, distribwiti u applikati fuq l-annimali bil-maniera determinata mill-awtorità kompetenti.

8. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni l-mudell tal-mezz u l-metodu ta' identifikazzjoni użat fit-territorju tagħhom.

↓ 21/2004 (adattat)

9. Sad-data msemmija fl-Artikolu 9(3), l-Istati Membri li jkunu introduċew identifikazzjoni elettronika fuq bażi volontarja skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet A.4 u A.6 tal-Anness I għandhom jassiguraw li n-numru individwali ta' identifikazzjoni elettronika u l-karatteristiċi tal-mezzi użati jkunu msemmija fiċ-ċertifikat rilevanti previst fid-Direttiva 91/68/KEE ¹⁶ li jakkompanja l-annimali involuti fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni.

↓ 21/2004

Artikolu 5

1. Kull detentur tal-annimali, bl-eċċezzjoni tat-trasportatur, għandu jżomm reġistru aġġornat li jkun fih mill-anqas l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I.

2. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu lid-detenturi li jdaħħlu aktar informazzjoni fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1, b'żieda ma' dik elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I.

3. Ir-reġistru għandu jkun fil-format approvat mill-awtorità kompetenti, miżmum f'forma manwali jew kompjuterizzata, u disponibbli fi kwalunkwe waqt fil-qasam u għall-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, għal perijodu minimu li għandu jkun iddeterminat mill-awtorità kompetenti imma li ma jistax ikun anqas minn tliet snin.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, ir-reġistru ta' informazzjoni meħtieġ mit-Taqsima B tal-Anness I għandu jkun volontarju fi kwalunkwe Stat Membru fejn database kompjuterizzata ċentralizzata li diġà jkun fiha din l-informazzjoni tkun operazzjonali.

5. Kull detentur għandu jforni lill-awtorità kompetenti, fuq talba, l-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-oriġini, l-identifikazzjoni u, fejn xieraq, id-destinazzjoni tal-annimali li d-detentur kellu fil-pussess tiegħu, żamm, ittrasporta, ikkummerċjalizza jew qatel matul l-aħħar tliet snin.

¹⁶ ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.

6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni l-mudell tar-reġistru użat fit-territorju tagħhom, u, fejn applikabbli, id-deroga mogħtija mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

↓ 21/2004 (adattat)
→₁ 1791/2006 Art. 1 (1) u l-Anness (5)(B)(I)(7)(a)

Artikolu 6

1. Mid-9 ta' Lulju 2005 →₁ jew għall-Bulgarija u r-Rumanija ☒ mill-☒ 1 ta' Jannar 2007 ← kull meta annimal ikun imċaqlaq fi ħdan it-territorju nazzjonali bejn żewġ oqsma separati, dan għandu jkun akkumpanjat b'dokument taċ-ċaqliq ibbażat fuq mudell imħejji mill-awtorità kompetenti, li jkun fih mill-anqas l-informazzjoni minima elenkata fit-Taqsima C tal-Anness I, u li jimtela mid-detentur jekk l-awtorità kompetenti ma tkunx diġà għamlet dan.

↓ 21/2004

2. L-Istati Membri jistgħu jżidu aktar informazzjoni, b'żieda ma' dik li tinsab fit-Taqsima C tal-Anness I, fuq id-dokument taċ-ċaqliq imsemmi fil-paragrafu 1, jew jeħtieġu li tali informazzjoni tkun miżjuda.

3. Id-detentur fil-qasam ta' destinazzjoni għandu jżomm id-dokument taċ-ċaqliq għal perijodu minimu li għandu jkun iddeterminat mill-awtorità kompetenti imma li ma jistax ikun anqas minn tliet snin. Fuq talba, huwa għandu jforni lill-awtorità kompetenti b'kopja tagħhom.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, id-dokument taċ-ċaqliq għandu jkun volontarju fi kwalunkwe Stat Membru fejn database kompjuterizzata ċentralizzata li diġà jkun fiha mill-anqas l-informazzjoni meħtieġa mit-Taqsima C tal-Anness I, bl-eċċezzjoni tal-firma tad-detentur, tkun operazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni l-mudell tad-dokument taċ-ċaqliq użat fit-territorju tagħhom, u, fejn applikabbli, id-deroga msemmija fil-paragrafu 4.

Artikolu 7

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtorità kompetenti jkollha reġistru ċentrali ta' l-oqsma kollha relatati mad-detenturi tal-annimali fit-territorju bl-eċċezzjoni tat-trasportaturi.

2. Ir-reġistru għandu jinkludi l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-qasam jew, jekk awtorizzat mill-awtorità kompetenti, dak tad-detentur, apparti mit-trasportatur, l-okkupazzjoni tad-detentur, it-tip ta' produzzjoni (laħam jew ħalib) u l-ispeċi miżmuma. Jekk id-detentur iżomm l-annimali fuq bażi permanenti, huwa għandu jagħmel inventarju tal-annimali miżmuma f'intervalli regolari stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u fi kwalunkwe każ mill-anqas ta' kull sena.

↓ 21/2004 (adattat)
→₁ 1791/2006 Art. 1(1) u
Anness (5)(B)(I)(7)(a)

3. Qasam għandu jibqa' fir-reġistru ċentrali sakemm tliet snin konsekuttivi jkunu skadew mingħajr l-ebda annimali fil-qasam. B'effett mid-9 ta' Lulju 2005, →₁ jew għall-Bulgarija u r-Rumanija ☒ mill- ☒ 1 ta' Jannar 2007 ← ir-reġistru għandu jkun inkluż fid-database kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 8(1).

Artikolu 8

1. Sa mid-9 ta' Lulju 2005 →₁ jew għall-Bulgarija u r-Rumanija ☒ mill- ☒ 1 ta' Jannar 2007 ← l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tistabbilixxi database kompjuterizzata skont it-Taqsima D.1 tal-Anness I.

↓ 21/2004

2. Kull detentur tal-annimali, bl-eċċezzjoni tat-trasportatur, għandu, fi żmien perijodu ta' 30 jum f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni relatata mad-detentur jew mal-qasam u fi żmien perijodu ta' sebat ijiem f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni relatata maċ-ċaqliq tal-annimali, jipprovdi lill-awtorità kompetenti :

- (a) l-informazzjoni għad-dħul fir-reġistru ċentrali u l-eżitu tal-inventarju, imsemmija fl-Artikolu 7(2), u l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun stabbilita d-database msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;
- (b) fl-Istati Membri li japplikaw id-deroga msemmija fl-Artikolu 6(4), kull darba li annimal ikun imċaqlaq, id-dettalji taċ-ċaqliq, kif indikat fid-dokument taċ-ċaqliq imsemmi fl-Artikolu 6.

↓ 21/2004 (adattat)

3. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru ☒ għandu jkollha ☒ database kompjuterizzata li jkun fiha mill-anqas l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima D.2 tal-Anness I.

4. L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu fid-database kompjuterizzata msemmija fil-paragrafi 1 u 3 aktar informazzjoni, b'żieda ma' dik elenkata fit-Taqsimiet D.1 u D.2 tal-Anness I.

↓ 21/2004

Artikolu 9

1. Il-linji gwida u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-identifikazzjoni elettronika għandhom ikunu adottati b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).

2. Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu adottati sabiex tittejjeb l-implemintazzjoni ġenerali tal-identifikazzjoni elettronika.

↓ 1560/2007 Art. 1, pt. 1 (adattat)

3. Mill-31 ta' Diċembru 2009, l-identifikazzjoni elettronika skont il-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1, u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Taqsima A tal-Anness I, għandha tkun obbligatorja għall-annimali kollha ☒ li jitwiellu wara dik id-data ☒.

↓ 21/2004 (adattat)

B'danakollu, l-Istati Membri li fihom in-numru totali ta' annimali ovini u kaprini jkun ta' 600 000 jew anqas, jistgħu jagħmlu tali identifikazzjoni elettronika volontarja għall-annimali li ma jkunux involuti fil-kummerċ ☒ fi ħdan l-Unjoni ☒ .

L-Istati Membri li fihom in-numru totali ta' annimali kaprini jkun ta' 160 000 jew anqas, jistgħu wkoll jagħmlu tali identifikazzjoni elettronika volontarja għall-annimali kaprini li ma jkunux involuti fil-kummerċ ☒ fi ħdan l-Unjoni ☒ .

↓ 1560/2007 Art. 1, pt. 2

4. Qabel il-31 ta' Diċembru 2009, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu l-użu obbligatorju ta' identifikazzjoni elettronika għall-annimali li jitwiellu fit-territorju tagħhom.

↓ 21/2004

Artikolu 10

1. Emendi għall-Annessi u l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).

Dawk il-miżuri għandhom jikkonċernaw b'mod partikolari:

- (a) il-livell minimu ta' verifiki li għandhom ikunu mwettqa;
- (b) l-applikazzjoni ta' penalitajiet amministrattivi;
- (ċ) id-dispożizzjonijiet tranżitorji meħtieġa għall-perijodu tal-bidu tas-sistema.

2. B'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2), din l-informazzjoni li ġejja tista' tkun aġġornata:

- (a) il-limiti taż-żmien għall-forniment tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(2);
- (b) il-limit demografiċi għall-qobla msemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 9(3).

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni bl-identità tal-awtorità kompetenti responsabbli sabiex tassigura l-konformità ma' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li kwalunkwe persuna responsabbli għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali tkun irċeviet struzzjonijiet u gwida dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness I, u li korsijiet xierqa ta' taħriġ ikunu disponibbli.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu rispettati. Il-verifiki previsti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe verifika li l-Kummissjoni tista' twettaq skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li dawn ikunu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

3. Esperti mill-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti:

- (a) għandhom jivverifikaw li l-Istati Membri jkunu konformi mal-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament;
- (b) jekk meħtieġ, għandhom iwettqu verifiki fuq il-post sabiex jassiguraw li l-verifiki previsti fil-paragrafu 1 ikunu mwettqa b'konformità ma' dan ir-Regolament.

4. Stat Membru li fit-territorju tiegħu verifika fuq il-post tkun imwettqa għandu jipprova lill-esperti tal-Kummissjoni bl-għajjnuna li huma jistgħu jeħtieġu sabiex iwettqu d-doveri tagħhom.

L-eżitu tal-verifiki mwettqa għandu jkun diskuss mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat qabel ma r-rapport finali jkun imħejji u ċċirkolat.

↓ 21/2004 (adattat)

5. Meta l-Kummissjoni tqis li l-eżitu tal-verifiki hekk jiġġustifika, hija għandha tirrevedi s-sitwazzjoni fi ħdan il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13(1). Hija tista' tadotta d-deċiżjonijiet meħtieġa skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).

↓ 21/2004

6. Il-Kummissjoni għandha tagħmel superviżjoni tal-iżviluppi tas-sitwazzjoni. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2) hija tista' temenda jew tħassar id-deċiżjonijiet imsemmi fil-paragrafu 5.

7. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati, meta meħtieġ, b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).

Artikolu 13

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali, stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu applikabbli.

Il-perijodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.



Artikolu 14

Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehm bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

↓ 21/2004 (adattat)

Artikolu 15

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

↓ 21/2004

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...],

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

¹⁷ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

ANNES I

A. MEZZI TA' IDENTIFIKAZZJONI

1. L-awtorità kompetenti għandha tapprova mezzi ta' identifikazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 4(1), li għandhom jitfasslu b'tali mod li:
 - (a) jiżguraw mill-inqas marka waħda li tidher u waħda li tinqara elettronikament;
 - (b) jibqgħu mwaħħla mal-annimal mingħajr ma jkunu ta' ħsara għalih; kif ukoll
 - (ċ) ikunu jistgħu jitneħħew faċilment mill-katina alimentari.

2. Il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom juru kodiċi li jipprovdi t-tagħrif li ġej fl-ordni li qed tintwera:
 - (a) jew il-kodiċi alfa b'żewġ ittri jew il-kodiċi numeriku bi tliet numri¹⁸, imsejjes fuq l-ISO 3166, għall-Istat Membru li fih jinsab il-qasam fejn l-annimal ġie identifikat għall-ewwel darba (“il-kodiċi tal-pajjiż”);
 - (b) kodiċi individwali tal-annimal li ma jkunx fih aktar minn 12-il ċifra.

| | | | |
|---------------|--------------------|----|-----|
| ¹⁸ | il-Belġju | BE | 056 |
| | il-Bulgarija | BG | 100 |
| | ir-Repubblika Ċeka | CZ | 203 |
| | id-Danimarka | DK | 208 |
| | il-Ġermanja | DE | 276 |
| | l-Estonja | EE | 233 |
| | l-Irlanda | IE | 372 |
| | il-Greċja | EL | 300 |
| | Spanja | ES | 724 |
| | Franza | FR | 250 |
| | l-Italja | IT | 380 |
| | Ċipru | CY | 196 |
| | il-Latvja | LV | 428 |
| | il-Litwanja | LT | 440 |
| | il-Lussemburgu | LU | 442 |
| | l-Ungerija | HU | 348 |
| | Malta | MT | 470 |
| | l-Olanda | NL | 528 |
| | l-Awstrija | AT | 040 |
| | il-Polonja | PL | 616 |
| | il-Portugall | PT | 620 |
| | ir-Rumanija | RO | 642 |
| | is-Slovenja | SI | 705 |
| | is-Slovakkja | SK | 703 |
| | il-Finlandja | FI | 246 |
| | l-Iżvezja | SE | 752 |
| | ir-Renju Unit | UK | 826 |

Flimkien mal-kodiċijiet imsemmija fil-punti (a) u (b), u sakemm dawn il-kodiċijiet ikunu jistgħu jinqraw, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza bar code kif ukoll iż-żieda ta' tagħrif supplementari mid-detentur.

3. L-ewwel mezz ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(2)(a) għandu jikkonforma mal-kriterji stipulati jew fil-punt (a) jew (b).

(a) identifikatur elettroniku f'forma ta' bolus ruminali jew lametta tal-widna elettronika, skond il-karatteristiċi tekniċi elenkati fil-punt 6; jew

(b) lametta tal-widna magħmula minn materjal li ma jitmermirx, mhux falsifikabbli u li jinqara faċilment matul il-ħajja tal-annimal; għandu jkun ta' materjal li ma jistax jerġa' jintuża u l-kodiċijiet imsemmija fil-punt 2 għandhom ikunu tali li ma jkunux jistgħu jitneħħew.

4. It-tieni mezz ta' identifikazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 4(2)(b), għandu jikkonforma mal-kriterji li ġejjin:

(a) għall-annimali identifikati skont il-punt 3(a):

(i) lametta tal-widna li tkun konformi mal-kriterji stipulati fil-punt 3(b); jew

(ii) marka fuq il-pastern li tkun konformi mal-kriterji għal-lametti tal-widna stipulati fil-punt 3(b); jew

| |
|---|
| ↓ 933/2008 Art. 1 u Anness (adattat) |
|---|

(iii) tattwaġġ, għajr għall-annimali involuti fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni ;

(b) għall-annimali identifikati skont il-punt 3(b):

(i) identifikatur elettroniku konformi mal-kriterji stipulati fil-punt 3(a); jew

(ii) għall-annimali mhux involuti fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni , identifikatur elettroniku f'forma ta' marka elektronika fuq il-pastern jew transponder li jiġi injettat skont il-karatteristiċi tekniċi elenkati fil-punt 6; jew

| |
|----------------------------|
| ↓ 933/2008 Art. 1 u Anness |
|----------------------------|

(iii) fejn l-identifikazzjoni elettronika mhijiex obligatorja, skont l-Artikolu 9(3):

– lametta tal-widna, li tkun konformi mal-kriterji stipulati fil-punt 3(b),

– marka fuq il-pastern, li tkun konformi mal-kriterji għal-lametti tal-widna stipulati fil-punt 3(b), jew

– tattwaġġ.

↓ 933/2008 Art.1 u Anness
(adattat)

5. Is-sistema msemmija ☒ fit-tieni subparagrafu tal- ☒ Artikolu 4(2) teħtieġ l-identifikazzjoni tal-annimali kemm skont il-qasam kif ukoll individwalment, tipprovdi għall-proċedura ta' sostituzzjoni meta l-mezz tal-identifikazzjoni jkun sar illeġibbli jew ikun intilef, taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti u mingħajr ma tikkomprometti t-traċċabbiltà bejn l-oqsma, bl-għan li jiġi kkontrollat il-mard epiżootiku, u tippermetti li ċ-ċaqliq tal-annimali jkun intraċċat fit-territorju nazzjonali, bl-istess għan.
-

↓ 933/2008 Art. 1 u Anness

6. L-identifikaturi elettroniċi għandhom ikunu konformi mal-karatteristiċi tekniċi li ġejjin:
- (a) għandhom ikunu transponders passivi li jinqraw biss bl-applikazzjoni tat-teknoloġija HDX jew FDX-B, li jkunu konformi mal-istandards ISO 11784 u 11785;
 - (b) għandhom ikunu jistgħu jinqraw minn apparati tal-qari, li jkunu konformi mal-istandard ISO 11785, u kapaċi jaqraw it-transponders HDX u FDX-B;
 - (ċ) id-distanza tal-qari għandha tkun ta':
 - (i) mill-inqas 12-il ċm għal-lametti tal-widna u l-marki fuq il-pastern meta jinqraw b'apparati tal-qari li jinġarru;
 - (ii) mill-inqas 20 ċm għall-bolussi ruminali u t-transponders injettabbli meta jinqraw b'apparati tal-qari li jinġarru;
 - (iii) mill-inqas 50 ċm għat-tipi kollha ta' identifikaturi meta jinqraw b'apparat stazzjonarju tal-qari.
7. Il-metodu ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(3) għandu jkun kif ġej:
- (a) l-annimali għandhom ikunu identifikati b'lametta tal-widna approvata mill-awtorità kompetenti, applikata fuq widna waħda;
 - (b) il-lametta tal-widna għandha tkun ta' materjal li ma jitmermirx, li ma tistax titbagħbas u li tinqara faċilment; ma għandhiex tkun tista' tintuża mill-ġdid u għandu jkollha biss kodiċijiet li ma jistgħux jitneħħew;
 - (ċ) il-lametta għandu jkun fiha mill-inqas it-tagħrif li ġej:
 - (i) il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri¹⁹; u

¹⁹ Ara n-nota fqiegħ il-paġna 18.

- (ii) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-qasam tat-twelid jew kodiċi individwali tal-annimali li minnu jista' jiġi ddeterminat il-qasam tat-twelid.

L-Istati Membri li jużaw dan il-metodu alternattiv għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, fil-qafas tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13(1).

↓ 759/2009 Art. 1 u Anness
Punt 1 (adattat)

Annimali identifikati b'konformità ma' dan il-punt li huma intiżi li jinżammu lil hinn mill-età ta' 12-il xahar jew li huma intiżi għall-kummerċ ☒ fi ħdan l-Unjoni ☒ jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, għandhom ikunu identifikati b'konformità mal-punti 1 sa 4 sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' kull animal għall-qasam tat-twelid.

↓ 506/2010 Art. 1 u Anness
Punt 1

8. B'deroga mill-obbligu ta' identifikazzjoni stipulat fl-Artikolu 4(1), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima A ma għandhomx japplikaw għal annimali ovini u kaprini miżmuma fiz-zoos u li jiċċaqilqu minn zoo għall-ieħor, liema zoos ikunu approvati skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE²⁰, sakemm l-annimali jkunu individwalment identifikati u traċċabbli.

↓ 933/2008 Art. 1 u Anness

B. IR-REĠISTRU TAL-QASAM

1. Mid-9 ta' Lulju 2005, ir-reġistru tal-qasam għandu jkun fih mill-anqas it-tagħrif li ġej:
- (a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-qasam,
 - (b) l-indirizz tal-qasam u l-koordinati ġeografiċi jew l-indikazzjoni ekwivalenti tal-lokalità ġeografika tal-qasam;
 - (ċ) it-tip ta' produzzjoni;
 - (d) ir-riżultati tal-aħħar inventarju msemmi fl-Artikolu 7 u d-data li fiha dan twettaq;
 - (e) l-isem u l-indirizz tad-detentur;
 - (f) fil-każ ta' annimali li jħallu l-qasam:
 - (i) l-isem tat-trasportatur;

²⁰ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

- (ii) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-parti tal-mezz tat-trasport li qed iġġorr l-annimali;
- (iii) il-kodiċi ta' identifikazzjoni jew l-isem u l-indirizz tal-qasam ta' destinazzjoni jew, fil-każ tal-annimali li ttieħdu l-biċċerija, il-kodiċi ta' identifikazzjoni jew l-isem tal-biċċerija u d-data tat-tluq;

jew kopja dupplikata jew kopja ċċertifikata tad-dokument taċ-ċaqliq imsemmi fl-Artikolu 6;

- (g) fil-każ taannimali li jaslu fil-qasam, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-qasam li minnu l-annimal ġie trasferit u d-data tal-wasla;
- (h) tagħrif dwar kwalunkwe sostituzzjoni tal-mezz ta' identifikazzjoni.

2. Mill-31 ta' Diċembru 2009, ir-reġistru tal-qasam għandu jkun fih mill-inqas it-tagħrif aġġornat li ġej għal kull annimal li twieled wara dik id-data:

- (a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimal;
- (b) fil-qasam tat-twelid, is-sena tat-twelid u d-data ta' identifikazzjoni;
- (ċ) ix-xahar u s-sena tal-mewt tal-annimal fil-qasam;
- (d) ir-razza u l-ġenotip, jekk magħrufin.

Madankollu, għall-annimali identifikati skont il-punt 7 tat-Taqsima A, it-tagħrif imsemmi minn (a) sa (d) ta' dan il-punt għandu jingħata għal kull lott ta' annimali li jkollhom l-istess identifikazzjoni u għandu jinkludi l-għadd tal-annimali.

3. Ir-reġistru tal-qasam għandu jkollu l-isem u l-firma tal-uffiċjal maħtur jew approvat tal-awtorità kompetenti li jkun ivverifika r-reġistru u d-data li fiha twettqet il-verifika.

C. ID-DOKUMENT TAĊ-ĊAQLIQ

1. Id-dokument taċ-ċaqliq għandu jimtela mid-detentur fuq il-bażi ta' mudell imħejji mill-awtorità kompetenti. Għandu jkun fih mill-anqas it-tagħrif li ġej:

- (a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-qasam;
- (b) l-isem u l-indirizz tad-detentur;
- (ċ) l-għadd totali ta' annimali spostati;
- (d) il-kodiċi ta' identifikazzjoni jew l-isem u l-indirizz tal-qasam ta' destinazzjoni jew tad-detentur segwenti tal-annimali, jew, meta l-annimali jittieħdu l-biċċerija, il-kodiċi ta' identifikazzjoni jew l-isem u l-lokalità tal-biċċerija, jew, fil-każ ta' transumanza, il-post ta' destinazzjoni;
- (e) id-dejta li tikkonċerna l-mezz tat-trasport u t-trasportatur, inkluż in-numru tal-permess tat-trasportatur;

- (f) id-data tat-tluq;
 - (g) il-firma tad-detentur.
-

↓ 759/2009 Art. 1 u Anness
Punt 2

2. Mill-1 ta' Jannar 2011, id-detentur tal-qasam tat-tluq għandu jirreġistra fid-dokument taċ-ċaqliq il-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali ta' kull animal identifikat skont il-punti 1 sa 6 tat-Taqsima A qabel ma jsir iċ-ċaqliq.
-

↓ 759/2009 Art. 1 u Anness
Punt 2 (adattat)

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza għal ċaqliq li ma jinvolvix kummerċ ☒ fi ħdan l-Unjoni ☒ r-reġistrazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali ta' kull animal fid-destinazzjoni f'isem id-detentur tal-qasam tat-tluq, suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

↓ 759/2009 Art. 1 u Anness
Punt 2

- (a) l-annimali ma jinġarrux fl-istess mezz ta' trasport ma' annimali minn oqsma oħra, sakemm il-gruppi ta' annimali ma jkunux fiżikament separati minn xulxin;
 - (b) il-qasam ta' destinazzjoni jkun approvat mill-awtorità kompetenti għall-fini ta' reġistrazzjoni tal-kodiċijiet individwali tal-annimali f'isem id-detentur tal-qasam tat-tluq;
 - (c) jkun hemm proċeduri biex jiġi żgurat li fi żmien 48 siegħa mill-ħin tat-tluq:
 - (i) il-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali ta' kull animal jiġi reġistrat b'konformità mal-punt 2(a) tat-Taqsima B fir-reġistru tal-qasam tat-tluq,
 - (ii) it-tagħrif marbut maċ-ċaqliq jingħata lill-awtorità kompetenti biex tiġi aġġornata d-database kompjuterizzata b'konformità mal-punt 2 tat-Taqsima D.
-

↓ 933/2008 Art. 1 u Anness

3. Madankollu, it-tagħrif imsemmi fil-punt 2 ma għandux ikun obligatorju għall-annimali li jkunu twieldu sal-31 ta' Diċembru 2009:
- (a) hekk kif jittieħdu l-biċċerija, direttament jew permezz ta' proċedura ta' gwida li teskludi ċaqliq sussegwenti lejn kwalunkwe qasam ieħor;
 - (b) sal-31 ta' Diċembru 2011 għal kull ċaqliq ieħor.

D. ID-DATABASE KOMPJUTERIZZATA

1. Id-database kompjuterizzata għandu jkun fiha mill-anqas it-tagħrif li ġej dwar kull qasam:

- (a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-qasam;
- (b) l-indirizz tal-qasam u l-koordinati ġeografiki jew l-indikazzjoni ekwivalenti tal-lokalità ġeografika tal-qasam;
- (ċ) l-isem u l-indirizz u t-tip ta' xogħol tad-dententur,
- (d) l-ispeċi tal-annimali;
- (e) it-tip ta' produzzjoni;

↓ 759/2009 Art. 1 u Anness
Punt 3

- (f) ir-riżultat tal-inventarju tal-annimali previst fl-Artikolu 7(2), u d-data meta twettaq dak l-inventarju, għajr fl-Istati Membri fejn id-database kompjuterizzata ċentralizzata jkollha l-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali ta' kull animal miżmum f'qasam;

↓ 933/2008 Art. 1 u Anness
(adattat)

- (g) taqsima tad-dejta riżervata għall-awtorità kompetenti li fiha hija tkun tista' tniżżel tagħrif dwar is-saħħa tal-annimali, pereżempju restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq, l-istatus u xi tagħrif rilevanti ieħor fil-kuntest tal-programmi ☒ tal-Unjoni ☒ jew nazzjonali.

↓ 933/2008 Art. 1 u Anness

2. Skont l-Artikolu 8, għandu jkun kemm dħul fid-database għal kull ċaqliqa separata tal-annimali.

Dak id-dħul għandu jinkludi mill-anqas it-tagħrif li ġej:

- (a) l-għadd tal-annimali spostati;
 - (b) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-qasam tat-tluq;
 - (ċ) id-data tat-tluq;
 - (d) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-qasam tal-wasla;
 - (e) id-data tal-wasla.
-



ANNEX II

Ir-Regolament imħassar flimkien mal-lista tal-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 21/2004
(ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006
(ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1)

Għal dak li jirrigwarda r-referenza għar-Regolament (KE) Nru 21/2004 fil-ħames inċiż tal-Artikolu 1(1) u l-punt 5.B.I.7 tal-Anness biss

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1560/2007
(ĠU L 340, 22.12.2007, p. 25)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 933/2008
(ĠU L 256, 24.9.2008, p. 5)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 759/2009
(ĠU L 215, 20.8.2009, p. 3)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 506/2010
(ĠU L 149, 15.6.2010, p. 3)

ANNEX III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 | Dan ir-Regolament |
|--|---|
| L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 |
| L-Artikolu 2, il-kliem introdutturju, punti (a) sa (d) | L-Artikolu 2, il-kliem introdutturju, punti (a) sa (d) |
| L-Artikolu 2(e) | - |
| L-Artikolu 3 | L-Artikolu 3 |
| L-Artikolu 4(1) | L-Artikolu 4(1) |
| L-Artikoli 4(2)(a) | L-Artikolu 4(2) l-ewwel subparagrafu, il-kliem introdutturju u l-punt (a) |
| L-Artikolu 4(2)(b) | L-Artikolu 4(2)(b), l-ewwel subparagrafu, punt (b) |
| L-Artikolu 4(2)(c) | L-Artikolu 4(2)(c), it-tieni subparagrafu |
| L-Artikolu 4(2)(d) | L-Artikolu 4(2), it-tielet subparagrafu |
| L-Artikolu 4(3) sa (9) | L-Artikolu 4(3) sa (9) |
| L-Artikoli 5, 6 u 7 | L-Artikoli 5, 6 u 7 |
| L-Artikoli 8(1) sa (4) | L-Artikoli 8(1) sa (4) |
| L-Artikolu 8(5) | - |
| L-Artikoli 9 sa 12 | L-Artikoli 9 sa 12 |
| L-Artikolu 13(1) u (2) | L-Artikolu 13(1) u (2) |
| L-Artikolu 13(3) | - |
| L-Artikolu 14 | - |
| L-Artikolu 15 | - |
| L-Artikolu 16 | - |
| - | L-Artikolu 14 |
| L-Artikolu 17, l-ewwel paragrafu | L-Artikolu 15 |
| L-Artikolu 17, it-tieni paragrafu | - |

L-Anness

-

-

L-Anness I

L-Anness II

L-Anness III